II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 294/2013

**tal-14 ta' Marzu 2013**

**li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 142/2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE fir-rigward ta' ċerti kampjuni u oġġetti li huma eżentati mill-verifiki veterinarji fil-fruntiera skont dik id-Direttiva**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2), il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1), l-Artikolu 18(3), punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(4) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(4), l-Artikolu 21(6)(c), l-Artikolu 32(3)(a), punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40 l-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 41(3), l-Artikolu 42(2) u l-Artikolu 45(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jistabbilixxi regoli tas-saħħa pubblika u tal-annimali għall-prodotti sekondarji tal-annimali u derivati minnhom, sabiex jiġu evitati u minimizzati r-riskji għas-saħħa pubblika u tal-animali li ġejjin minn dawn il-prodotti. Dan ir-Regolament jipprevedi wkoll id-determinazzjoni ta' punt tat-tmiem fil-katina tal-manifattura għal ċerti prodotti derivati li lil hinn minnu ma jkunux aktar soġġetti għar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva ([2]), jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, inklużi regoli dwar id-determinazzjoni ta' punti tat-tmiem għal ċerti prodotti derivati.

(3) Fl-opinjoni tagħha tas-7 ta' Frar 2011 dwar l-kapaċità tal-proċessi oleokimiċi li jimminimizzaw ir-riskji possibbli marbuta mat-TSE f'prodotti sekondarji tal-annimali tal-Kategorija 1 ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ikkonkludiet li r-riskji dwar it-tixrid ta' Enċefalopatiji Sponġiformi Trasmissibbli (TSE) huma mnaqqsa b'mod sinifikanti wara l-ipproċessar tal-materjal tal-Kategorija 1 bil-qsim idrolitiku u l-idroġenazzjoni tax-xaħam. Madankollu, jeżistu xi inċertezzi fir-rigward tat-tnaqqis tal-infettività tat-TSE fi prodotti oleokimiċi ġejjin mill-materjal tal-Kategorija 1. Għal dik ir-raġuni, ma jistax jitqies fiż-żgur li dawk il-prodotti huma ħielsa mill-infettività u għalhekk jistgħu joħolqu riskju li kieku jiddaħħlu fil-katina alimentari u tal-għalf. Konsegwentement, l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 u l-Annessi XIV u XV tiegħu għandhom jiġu emendati skont dan.

(4) L-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jipprovdi għal derogi għall-użu ta' materjali tal-Kategorija 2 u tal-Kategorija 3 għat-tagħlif ta' ċerti annimali li ma jidħlux fil-katina tal-ikel, inklużi annimali taċ-ċirku. Minħabba li ċerti annimali taċ-ċirku jappartjenu għal speċi li normalment tintuża għall-produzzjoni tal-ikel, huwa neċessarju li t-tmigħ ta' dawk il-materjali lil annimali taċ-ċirku ikun soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

(5) L-Artikolu 19(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jipprovdi għal deroga għar-rimi ta' naħal u ta' prodotti sekondarji tal-apikultura billi jinħarqu jew jindifnu fuq il-post, b'kundizzjonijiet li ma jħallux it-tixrid ta' riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali. L-Artikolu 15(c) tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jirreferi għal regoli

([1]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([2]) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

([3]) *The EFSA Journal* (2011); 9(2):1976.

speċjali għall-ġbir u r-rimi ta' naħal u prodotti sekondarji tal-apikultura. Il-frażi introduttorja ta' dak l-Artikolu għandu għalhekk jiġi kkoreġut skont dan b'referenza għal regoli speċjali għall-ġbir u r-rimi ta' naħal u prodotti sekondarji tal-apikultura.

(6) L-Artikolu 36(3) tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jipprovdi għal perjodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2012 għar-rimi ta' kwantitajiet żgħar ta' materjal tal-Kategorija 3 imsemmi fl-Artikolu 10(f) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Dak il-perjodu tranżitorju għandu jiġi estiż għal sentejn addizzjonali waqt li għandha tinġabar aktar dejta dwar il-ġbir, it-trasport u r-rimi ta' materjali tal-Kategorija 3 ikkonċernati.

(7) Il-proteina pproċessata mill-annimali derivata minn prodotti sekondarji mill-annimali, minbarra dawk il-materjali tal-Kategorija 3 imsemmijin fl-Artikolu 10(n), (o) u (p) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, jistgħu jintużaw bħala ingredjent għall-produzzjoni ta' ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi. Il-proteina pproċessata tal-annimali m'għandhiex tiġi ddikjarata bħala ikel għall-annimali domestiċi sakemm ma tkunx imħallta fi proporzjonijiet xierqa ma' sustanzi oħrajn tal-għalf li normalment ikunu kkunsmati mill-ispeċji relevanti ta' annimali domestiċi. Madankollu, il-produttur ta' proteina pproċessata tal-annimali jista' jibgħat il-prodott lid-detenturi ta' kennels rikonoxxuti jew ta' ċorma klieb (tal-kaċċa) u għat-tmigħ ta' klieb u qtates f'kennijiet għall-produzzjoni ta' għalf imħallat għall-klieb u l-qtates. F'każ bħal dan, il-prodott irid jiġi ddikjarat u ttikkettjat bħala proteina pproċessata tal-annimali. Fil-każ tal-esportazzjoni ta' proteini tal-annimali pproċessati barra mil-leġiżlazzjoni dwar prodotti sekondarji li ġejjin mill-annimali, japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Skont il-punt E2 tal-Parti III tal-Anness IV tar-Regolament imsemmi qabel l-esportazzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali trid tkun soġġetta għal ftehim bil-miktub bejn l-Istati Membri tal-oriġini tal-proteina pproċessata tal-annimali u l-pajjiż terz tad-destinazzjoni. Obbligu bħal dan ma jeżistix fil-każ ta' esportazzjoni tal-ikel għall-annimali domestiċi. Minħabba r-riskju osservat ta' użu mhux xieraq tar-regoli dwar l-esportazzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali, hija meħtieġa definizzjoni aktar preċiża tal-ikel tal-annimali.

(8) It-trasformazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' prodotti derivati f'bijogass hija awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Il-produzzjoni tal-bijogass iwassal għall-ġenerazzjoni ta' solidi jew frazzjonijiet likwidi. Huwa neċessarju li jiġi ċċarat li r-rekwiżiti dwar ir-rimi ta' dawk ir-residwi japplikaw għaż-żewġ frazzjonijiet.

(9) Fl-opinjoni tagħha tat-30 ta' Novembru 2010 dwar ir-riskji abijotiċi għas-saħħa pubblika u tal-annimali tal-gliċerina bħala prodott sekondarju mill-produzzjoni tal-biodiżil mill-prodotti sekondarji tal-annimali (ABP) u żjut veġetali tal-Kategorija 1 ([2]), l-EFSA għarfet li l-gliċerina li jkunu ġiet ipproċessata bil-metodu 1 imsemmi fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għall-produzzjoni ta' biodiżil hija materjal sikur fir-rigward tar-riskju tat-TSE. Il-gliċerina bħala prodott sekondarju mill-produzzjoni tal-bijodiżil tista' tiġi ttrasformata f'bijogass u residwu tad-diġestjoni wara l-produzzjoni tal-bijogass u tiġi applikata lill-art mingħajr riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali fi ħdan it-territorju nazzjonali tal-Istat Membru produttur, soġġett għad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti.

(10) Prodotti sekondarji tal-annimali imsemmija fl-Artikolu 13(f) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jistgħu jiġu applikati lill-art mingħajr ipproċessar jekk l-awtorità kompetenti ma tikkunsidrax li huma ta' riskju għat-tixrid ta' xi mard serju li jittieħed. L-istess prodotti jistgħu jiġu ttrasformati f'kompost jew f'bijogass mingħajr ipproċessar minn qabel.

(11) Il-kliem standard għad-deskrizzjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati fil-kummerċ bejn l-Istati Membri iddikjarati fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 irid ikun viżibbli u leġġibbli fuq l-imballaġġ, il-kontenitur jew il-vettura waqt it-trasport u l-ħażna. Il-lista ta' kliem standard għandha tiġi estiża sabiex tqis il-kummerċ fid-demel ipproċessat.

(12) L-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jeħtieġ li l-operaturi jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jintbagħtu kunsinni ta' materjali tal-Kategorija 1 jew 2. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali biex jipprovdu s-servizzi tal-faċilitajiet tagħhom għall-iskop tal-ħruq tal-annimali domestiċi minn Stati Membri oħra li għandhom fruntiera komuni. F'każijiet bħal dawn, ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 48(1) sa (3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jippreżenta piżijiet amministrattivi addizzjonali li mhumiex neċessarji.

(13) Il-Kapitolu II tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistipula rekwiżiti speċifiċi għal prodotti dderivati li huma maħsuba għall-produzzjoni ta' materjali tal-għalf. Il-kliem tad-deroga għat-tqegħid fis-suq tal-ħalib ipproċessat skont l-istandards nazzjonali għandhom jiġu emendati sabiex jirreferu wkoll għal prodotti b'bażi ta' ħalib u prodotti dderivati mill-ħalib biex b'hekk jallinjaw il-Parti II tat-Taqsima 4 ta' dak il-Kapitolu mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, b'mod partikolari l-punt (f) tiegħu mal-awtorizzazzjoni tal-ipproċessar ta' ċertu għalf f'materjal għat-tmigħ ta' annimali tat-trobbija għajr għall-annimali tal-pil.

(14) Meta oġġetti tal-ikel li qabel kien fihom ingredjenti ta' oriġini mill-annimali jintużaw bħala materjal ta' sors għall-produzzjoni tal-għalf għal annimali mrobbijin fi rziezet, japplikaw rekwiżiti speċifiċi sabiex jipprevjenu r-riskju tat-tixrid tal-mard għal annimali. Madankollu, jekk dawk li kienu oġġetti tal-ikel ma fihomx laħam, ħut jew prodotti tagħhom, l-użu tagħhom għall-produzzjoni tal-għalf destinat għal annimali mrobbija fl-irziezet għandu jkunu permess, sakemm huma ma joħolqux xi riskju ta' tixrid ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
([2]) *The EFSA Journal* 2010;8(12):1934.

(15) L-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq u l-użu ta' fertilizzanti organiċi u materjali li jtejbu l-ħamrija. Dawk il-prodotti jistgħu jiġu prodotti minn materjali tal-Kategorija 2 u 3 skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XI tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. Fil-każ ta' proteina pproċessata tal-annimali ta' materjal tal-Kategorija 3, għandhom jiġu rispettati rekwiżiti speċifiċi ta' produzzjoni stabbiliti fil-Kapitolu II tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 inkluż għall-proteina pproċessata tal-annimali fejn tkun maħsuba esklussivament għal użu fl-ikel għall-annimali domestiċi. Għal raġunijiet ta' ċarezza huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Anness XI tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 u li jiġu introdotti referenzi għal xi l-istandards tal-ipproċessar għal proteini tal-annimali pproċessati.

(16) Għall-promozzjoni tax-xjenza u r-riċerka fil-bijodiversità, għandha tingħata deroga lir-repożitorji, lill-organizzazzjonijiet xjentifiċi u lill-mużewijiet rigward il-ġbir, it-trasport u l-użu ta' annimali jew partijiet ta' annimali ippreservati fil-midja, integrati kompletament fil-microslides jew bħala kampjuni ġenetiċi pproċessati. Ir-rekwiżiti dwar trofej tal-kaċċa u preparazzjonijiet oħra kif stabbiliti fil-Kapitolu VI tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandhom jiġu emendati skont dan.

(17) It-Tabella 2 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness XIV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistabbilixxi r-rekwiżiti għal importazzjonijiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali fl-Unjoni. Il-kliem ta' ċerti partijiet minn Tabella 2 għandu jitqiegħed b'mod aħjar sabiex tingħata informazzjoni aktar ċara. Fil-każ ta' ċerti prodotti li jistgħu jikkonsistu minn prodotti sekondarji tal-annimali ta' annimali differenti, il-lista tal-pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjoni tal-prodotti sekondarji minn annimali tal-ispeċi rilevanti fit-Tabella 2 għandha tiġi emendata skont dan. Il-bidliet għandhom ikunu riflessi fiċ-ċertifikati korrispondenti stabbiliti fl-Anness XV ta' dak ir-Regolament.

(18) L-ikel għall-annimali domestiċi jista' jiġi prodott minn kwalunkwe materjal tal-Kategorija 3 ħlief minn materjali tal-Kategorija 3 msemmijin fl-Artikolu 10(n), (o) u (p) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. L-istess regoli li japplikaw għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel għall-annimali domestiċi fi ħdan l-UE għandhom ikunu applikabbli wkoll għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi. Iċ-Ċertifikat tal-Kapitolu 3(B) tal-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu jiġi estiż b'referenza għall-Artikolu 10(c) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

(19) Ċerti rekwiżiti dwar l-importazzjoni ta' demm u prodotti tad-demm għandhom jiġu ċċarati, b'mod partikolari dawk dwar l-oriġini tad-demm. Id-demm għandu jiġi minn sorsi sikuri li jistgħu jkunu biċċerija approvata skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, biċċerija approvata permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' pajjiż terz jew minn annimali ħajjin imrobbija għal skopijiet bħal dawn. Id-demm minn sorsi sikuri bħal dawn jista' wkoll jiġi mħallat. Hemm bżonn li jinbidel it-test taċ-ċertifikati rilevanti skont dan. L-Anness XIV u ċ-ċertifikati tas-saħħa stipulati fil-Kapitoli 4(A), 4(C) u 4(D) tal-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandhom għalhekk jiġu emendati.

(20) L-Anness XVI tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jistipula regoli dwar kontrolli uffiċjali għat-tagħlif ta' għasafar nekrofaċi b'materjal tal-Kategorija 1. Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza li l-materjal tal-Kategorija 1 jintuża bħala għalf għal speċijiet fil-periklu jew protetti ta' għasafar nekrofaġi u speċijiet oħra li jgħixu fil-ħabitat naturali tagħhom. Ir-regoli eżistenti dwar kontrolli uffiċjali għat-tagħlif ta' għasafar nekrofaċi għandhom għalhekk jiġu estiżi għall-annimali kollha li jistgħu jingħataw l-awtorizzazzjoni biex jingħalfu bil-materjal tal-Kategorija 1 skont l-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

(21) Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(22) Sabiex jiġi evitat ix-xkiel għall-kummerċ, għandu jiġi stabbilit perjodu tranżitorju li matulu l-importazzjonijiet tal-prodotti li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, kif emendat minn dan ir-Regolament, għandhom jiġu aċċettati mill-Istati Membri skont ir-regoli fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ/data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(23) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, il-punt (i) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(i) il-gażolina u l-fjuwils li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodotti mill-proċess katalitiku b'bosta stadji għall-produzzjoni ta' fjuwils li jistgħu jiġġeddu stabbiliti fil-punt 2(c) tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu IV tal-Anness IV;

(j) il-prodotti oleokimiċi dderivati minn xaħmijiet imdewba u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu XI tal-Anness XIII.";

(2) L-Artikolu 13 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (e) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(e) dud u ħniex għal lixka tas-sajd.

(f) annimali taċ-ċirku.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (e) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(e) dud u ħniex għal lixka tas-sajd.

(f) annimali taċ-ċirku";

(3) Fl-Artikolu 15, il-frażi ta' introduzzjoni għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Jekk l-awtorità kompetenti tawtorizza r-rimi ta' prodotti sekondarji tal-annimali skont id-deroga msemmija fl-Artikolu 19(1)(a), (b), (c) (e) u (f) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, ir-rimi għandu jkun konformi mar-regoli speċjali li ġejjin stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Anness VI:"

(4) Fl-Artikolu 36(3) id-data"il-31 ta' Diċembru 2012" għandha tinbidel bid-data"il-31 ta' Diċembru 2014".

(5) L-Annessi I, IV, V, VI, VIII, X, XI u l-Annessi minn XIII sa XVI huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Ghal perjodu tranżitorju sas-26 ta' Diċembru 2013, il-konsenji ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' prodotti dderivati akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa, li ġie mimli u ffirmat skont il-mudell stabbilit fil-Kapitoli 3(B), 3(D), 4(A), 4(C), 4(D), 6(A), 8, 10(B), 11, 14(A) u 15 tal-Anness XV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 fil-verżjoni tiegħu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom ikomplu jiġu aċċettati għall-importazzjoni fl-Unjoni, sakemm iċ-certifikati kienu mimlija u ffirmati qabel is-26 ta' Ottubru 2013.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-15 ta' Marzu 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"19. '**ikel għall-annimali domestiċi**' tfisser għalf, minbarra materjal imsemmi fl-Artikolu 24(2), għall-użu bħala għalf għall-annimali domestiċi u affarijiet tat-tgerrim mill-klieb magħmulin minn prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati li

(a) fihom materjal tal-Kategorija 3, minbarra materjal imsemmi fl-Artikolu 10(n), (o) u (p) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, u

(b) jista' jkollhom materjal importat tal-Kategorija 1 magħmul minn prodotti sekondarji tal-annimali ġejjin minn annimali li jkunu ġew trattati b'mod illegali, kif definit fl-Artikolu 1(2)(d) tad-Direttiva 96/22/KE jew fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 96/23/KE;";

(b) il-punt 23 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"23. **'residwi ta' diġestjoni'** tfisser residwi li jirriżultaw mit-trasformazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali f'impjant tal-bijogass;";

(2) Fl-Anness IV, il-Kapitolu IV, Taqsima 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a)(iii) jinbidel b'dan li ġej:

"(iii) jinbidel f'bijogass, F'dan il-każ ir-residwi ta' diġestjoni għandhom jintremew skont il-punt (i) jew (ii), ħlief fejn il-materjal jirriżulta minn proċessar skont il-punt 2(a) jew (b) fejn ir-residwi jistgħu jintużaw skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 2(a) jew il-punt 2(b) (iii) kif jixraq; jew";

(ii) il-punt (b)(i) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(i) jintrema skont il-punt 1(a)(i) jew (ii), bi proċessar minn qabel jew mingħajr proċessar skont l-Artikolu 13(a) u (b) u l-Artikolu 14(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;"

(b) il-punti 2(b)(ii) u (iii) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(ii) fil-każ tas-sulfat tal-potassju, li jintuża għall-applikazzjoni diretta lill-art jew għall-produzzjoni ta' prodotti dderivati għall-applikazzjoni fl-art;

(iii) fil-każ tal-gliċerina ġejja minn materjal tal-Kategorija 1 u tal-Kategorija 2 li jkun ġie pproċessat skont il-metodu ta' pproċessar 1 kif stabbilit fil-Kapitolu III:

— użata għal skopijiet tekniċi,

— tinbidel f'bijogass, f'liema każ ir-residwi tad-diġestjoni jistgħu jiġu applikati għall-art fi ħdan it-territorju nazzjonali tal-Istat Membru produttur, soġġett għad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti, jew

— tintuża għal denitrifikazzjoni f'impjant tat-trattament tad-drenaġġ, f'liema każ ir-residwi tad-denitrifikazzjoni jistgħu jiġu applikati fuq l-art skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE (*);

(iv) fil-każ tal-gliċerina dderivata minn materjal tal-Kategorija 3:

— użata għal skopijiet tekniċi,

— mibdula f'bijogass, f'liema każ ir-residwi tad-diġestjoni jistgħu jiġu applikati fuq l-art, jew

— tintuża għat-tagħlif, sakemm il-gliċerina ma tkunx ġejja minn materjal tal-Kategorija 3 msemmi fl-Artikolu 10(n), (o) u (p) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

---

(*) ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.";

(c) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kwalunkwe skart ieħor għajr prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati li hemm stipulati fil-punt 2, li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti sekondarji tal-annimali skont din it-Taqsima, bħal ħama, kontenuti ta' filtri, rmied u residwi ta' diġestjoni għandhom jintremew skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u skont dan ir-Regolament.";

(3) fl-Anness V, il-Kapitolu I, it-Taqsima 1, il-punt 2(d) huwa mibdul b 'dan li ġej:

"(d) prodotti sekondarji tal-annimali li jistgħu jiġu applikati għall-art mingħajr ipproċessar skont l-Artikolu 13(f) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u skont dan ir-Regolament, jekk l-awtorità kompetenti ma tqishomx li jkunu ta' riskju li jxerrdu xi marda serja li tittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;";

(4) fl-Anness VI, Kapitolu II, Taqsima 1, il-frażi introduttorja hija sostitwita b 'li ġej:

"Il-materjali tal-Kategoriji 2 u 3 kif imsemmi fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jistgħu jingħalfu lill-annimali msemmijin fil-paragrafu (1)(a), (d), (f), (g) u (h) ta' dak l-Artikolu bla ħsara għall-konformità ma' mill-anqas il-kundizzjonijiet li ġejjin, flimkien ma' kwalunkwe kundizzjoni oħra stabbilita mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 18(1) ta' dak ir-Regolament:";

(5) L-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Kapitolu II, il-punt 2(b), il-punt (xix) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(xix) fil-każ ta' demel li kien soġġett għat-trattament bil-ġir stabbilit fil-punt I tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness IV, il-kliem 'taħlita ta' demel u ġir'.

(xx) fil-każ ta' demel ipproċessat li ġie soġġett għat-trattament stipulat fil-punt (b) u (c) tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tal-Anness XI, il-kelmiet 'demel ipproċessat'.";

(b) il-Kapitolu VI li ġej huwa miżjud:

"KAPITOLU VI

**TRASPORT TA' ANNIMALI DOMESTIĊI MEJTIN**

Il-kundizzjonijiet fil-punti minn 1 sa 3 tal-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 fir-rigward ta' awtorizzazzjoni bil-quddiem mill-awtorità kompetenti fl-Istati Membri tad-destinazzjoni u l-użu tas-sistema TRACES mhux se jkunu meħtieġa f'każ ta' trasport ta' annimal domestiku mejjet għall-inċinerazzjoni fi stabbiliment jew impjant li jinsab f'reġjun fil-fruntiera ma' Stat Membru ieħor li jaqsam fruntiera komuni meta l-Istati Membri jikkonkludu ftehim bilaterali dwar il-kundizzjoni ta' trasport."

(6) fl-Anness X, il-Kapitolu II huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima 4, Parti II, il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 2 u 3 ta' din il-Parti għandhom japplikaw għall-ipproċessar, l-użu u l-ħżin tal-ħalib, il-prodotti b'bażi ta' ħalib u l-prodotti dderivati mill-ħalib ta' materjal tal-Kategorija 3, kif imsemmi fl-Artikolu 10(e) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, minbarra l-ħama taċ-ċentrifugi jew tas-separaturi, u l-ħalib, prodotti b'bażi tal-ħalib u prodotti dderivati mill-ħalib imsemmijin fl-Artikolu 10(f) u (h) ta' dak ir-Regolament, li ma kinux ipproċessati skont il-Parti I ta' din it-Taqsima.";

(b) It-Taqsima 10 tiġi sostitwita minn dan li ġej:

"*Taqsima 10*

**Rekwiżiti speċifiċi għat-tagħlif ta' annimali fl-irziezet, minbarra annimali bil-pil, ta' ċertu materjal tal-Kategorija 3 imsemmi fl-Artikolu 10(f) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009**

Materjal tal-Kategorija 3 li jkun magħmul minn oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti ta' oriġini mill-annimali li joriġinaw minn Stati Membri li ma jkunux maħsubin aktar għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali, imsemmi fl-Artikolu 10(f) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, jista' jitqiegħed fis-suq bħala għalf lil annimali mrobbijin fi rziezet, minbarra annimali tal-pil, mingħajr aktar trattament, sakemm il-materjal:

(i) ikun għadda minn proċessar kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(m) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 jew skont dan ir-Regolament;

(ii) huwa magħmul minn jew li fihom wieħed jew aktar mis-segwenti materjali tal-Kategorija 3 msemmijin fl-Artikolu 10(f) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009:

— ħalib,

— prodotti b'bażi tal-ħalib;

— prodotti dderivati mill-ħalib;

— bajd,

— prodotti tal-bajd,

— għasel,

— grass ipproċessat,

— il-kollaġini,

— ġelatina;

(iii) ma ġiex f'kuntatt ma' kwalunkwe tip ieħor ta' materjali tal-Kategorija 3; kif ukoll

(iv) ikunu ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha għall-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni tal-materjal.";

(7) fl-Anness XI, Kapitolu II, Taqsima 1, punt 1(b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) bl-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali, inkluża l-proteina tal-annimali prodotta skont il-punt B.1(b)(ii) tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II ta' Anness X, li tkun inħadmet minn materjal tal-Kategorija 3 skont it-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness X, jew ta' materjali li jkunu ġew soġġetti għal trattament ieħor, fejn materjali bħal dawn ikunu jistgħu jintużaw għal fertilizzanti organiċi u għal materjali li jtejbu l-ħamrija skont dan ir-Regolament; jew";

(8) L-Anness XIII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Kapitolu VI, punt C(1)(c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) ġew soġġetti għal preparazzjoni anatomika bħall-plastinazzjoni;

(d) huma annimali tal-klassi bijoloġika Insecta jew Arachnida li jkunu ġew soġġetti għal trattament bħal tnixxif għall-prevenzjoni ta' xi tixrid ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali. jew

(e) huma oġġetti ta' kollezzjoni tal-istorja naturali jew għall-promozzjoni tax-xjenza u dawn ġew:

(i) ippreservati f'midja, bħall-alkoħol jew formaldeid, li tippermetti l-wiri tal-oġġetti, jew

(ii) integrati kompletament fuq micro-slides;

(f) huma kampjuni pproċessati tad-DNA maħsuba għal repożitorji għall-promozzjoni tar-riċerka tal-bijodiversità, tal-ekoloġija, tax-xjenza medika u veterinarja jew tal-bijoloġija.";

(b) fil-Kapitolu XI, għandu jiżdied il-punt li ġej:

"3. Punt ta' tmiem għal prodotti ġejjin minn xaħmijiet imdewba:

Derivattivi mix-xaħam li ġew ipproċessati kif imsemmi fil-punt 1 jistgħu jitqiegħdu fis-suq għall-użijiet indikati fil-punt 2 mingħajr restrizzjonijiet skont dan ir-Regolament.";

(9) L-Anness XIV huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Kapitolu I, it-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(i) il-punti (c), (d) u (e) huma mibdula b'dan li ġej:

"(c) għandhom jiġu minn pajjiż terz jew minn parti ta' pajjiż terz ieħor elenkat fil-kolonna 'lista ta' pajjiżi terzi' tat-Tabella 1;

(d) dawn għandhom jiġu minn stabbiliment jew impjant li huwa rreġistrat jew approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, kif xieraq, u li huwa fil-lista ta' tali stabbilimenti u impjanti msemmija fl-Artikolu 30; kif ukoll

(e) iridu jkunu wkoll:

(i) akkumpanjati matul it-trasport sal-punt tad-dħul fl-Unjoni fejn isiru l-verifiki veterinarji taċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fil-kolonna 'ċertifikati/dokumenti mudell' tat-Tabella 1; jew

(ii) ppreżentati fil-punt tad-dħul fl-Unjoni fejn isiru l-verifiki veterinarji flimkien ma' dokument li jkun jaqbel mal-mudell imsemmi fil-kolonna"ċertifikati/dokumenti mudell" tat-Tabella 1";

(ii) jitħassar il-punt (f);

(b) fil-Kapitolu II, it-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(i) il-punti (c), (d) u (e) huma mibdula b'dan li ġej:

"(c) għandhom jiġu minn pajjiż terz jew minn parti ta' pajjiż terz ieħor elenkat fil-kolonna"lista ta' pajjiżi terzi" tat-Tabella 2;

(d) dawn għandhom jiġu minn stabbiliment jew impjant li huwa rreġistrat jew approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, kif xieraq, u li huwa fil-lista ta' tali stabbilimenti u impjanti msemmija fl-Artikolu 30; kif ukoll

(e) iridu jkunu wkoll:

(i) akkumpanjati matul it-trasport sal-punt tad-dħul fl-Unjoni fejn isiru l-verifiki veterinarji skont iċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fil-kolonna 'ċertifikati/dokumenti mudell' tat-Tabella 2; jew

(ii) ppreżentati fil-punt tad-dħul fl-Unjoni fejn isiru l-verifiki veterinarji flimkien ma’ dokument li jkun jaqbel mal-mudell imsemmi fil-kolonna ‘ċertifikati/dokumenti mudell’ tat-Tabella 2.”;

(ii) jitħassar il-punt (f);

(iii) It-Tabella 2 hija emendata kif ġej:

— ir-ringiela 13 tinbidel b’dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| “13 | Interjuri għat-taħwir għall-manifattura ta’ ikel għall-annimali domestiċi | Il-materjali msemmijin fl-Artikolu 35(a) | L-interjuri għat-taħwir għandhom ikunu ġew prodotti skont il-Kapitolu III tal-Anness XIII. | Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, li minnhom Stati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta’ laħam frisk mill-istess speċi u minn fejn għadam bil-laħam biss ikun awtorizzat.<br>Fil-każ ta’ interjuri għat-taħwir minn materjali ta’ ħut, pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE.<br>Fil-każ ta’ interjuri għat-taħwir minn laħam tat-tjur minn pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta’ laħam tat-tjur frisk. | Anness XV, Kapitolu 3(E).” |

— fir-ringiela Nru 14, il-punt (a) fit-tielet kolonna huwa mibdul b’dan li ġej:

"(a) Il-materjali tal-Kategorija 3 imsemmijin fl-Artikolu 10 minn (a) sa (m).”;

— ir-ringieli Nru 15 u 16 huma sostitwiti b’dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| “15 | Prodotti sekondarji tal-annimali għal użu bħala ikel nej għall-annimali domestiċi | Il-materjali tal-Kategorija 3 msemmija fl-Artikolu 10(a) u (b)(i) u (ii). | Il-prodotti għandhom ikunu konformi marrekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 8. Fil-każ ta’ materjali tal-ħut, il-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2006/766/KE. | Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jew fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta’ laħam frisk mill-istess speċi u minn fejn għadam bil-laħam biss ikun awtorizzat. | Anness XV, Kapitolu 3(D). |
| 16 | Prodotti sekondarji tal-annimali għal użu fl-għalf għall-annimali tal-pil | Il-materjali tal-Kategorija 3 imsemmijin fl-Artikolu 10 minn (a) sa (m). | Il-prodotti għandhom ikunu konformi marrekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 8. | Pajjiżi terzi elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010, jew fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li minnhom Stati Membri jawtorizzaw importazzjonijiet ta’ laħam frisk mill-istess speċi u minn fejn għadam bil-laħam biss ikun awtorizzat.<br>Fil-każ ta’ materjali tal-ħut, pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE. | Anness XV, Kapitolu 3(D).”; |

— fir-ringiela Nru 17, it-tielet kolonna, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Fil-każ ta' materjali maħsubin għall-produzzjoni tal-bijodiżil jew prodotti oleokimiċi: Materjali tal-Kategorija 1, 2 u 3 msemmijin fl-Artikoli 8, 9 u 10.";

— ir-ringiela 18 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "18 | Derivattivi mix-xaħam | (a) Fil-każ ta' derivattivi mix-xaħam għal użijiet barra mill-katina tal-għalf għal annimali mrobbijin fi rziezet:<br>Il-materjali tal-Kategorija 1 msemmijin fl-Artikolu 8(b), (c) u (d), il-materjali tal-Kategorija 2 msemmijin fl-Artikolu 9(c), (d) u (f)(i) u materjali tal-Kategorija 3 msemmijin fl-Artikolu 10.<br>(b) Fil-każ ta' derivattivi mix-xaħam għal użu bħala għalf:<br>Materjali tal-Kategorija 3, ħlief materjal imsemmi fl-Artikolu 10(n), (o) u (p); | Id-derivattivi mix-xaħam għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 10. | Kull pajjiż terz. | (a) Fil-każ ta' derivattivi mix-xaħam għal użijiet barra mill-katina tal-għalf għal annimali mrobbijin fi rziezet:<br>Anness XV, Kapitolu 14 (A).<br>(b) Fil-każ ta' derivattivi mix-xaħam għal użu bħala għalf:<br>Anness XV, Kapitolu 14(B)." |

(c) fil-Kapitolu II, it-Taqsima 2, il-punt 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Id-demm li minnu jsiru prodotti tad-demm għall-manifattura ta' prodotti dderivati għal użijiet barra mill-katina tal-għalf għall-annimali mrobbijin fi rziezet kellu jinġabar taħt superviżjoni veterinarja:

(a) fil-biċċeriji:

(i) approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004; jew

(ii) approvati u b'superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' ġbir; jew

(b) minn annimali ħajjin f'faċilitajiet approvati u ssorveljati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz.";

(d) fil-Kapitolu II, Taqsima 3, il-punt 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Id-demm ghandu jkun konformi mall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 1(a) tal-Kapitolu IV tal-Anness XIII u għandu jinġabar b'superviżjoni veterinarja jew:

(a) fil-biċċeriji:

(i) approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004; jew

(ii) approvati u b'superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' ġbir; jew

(b) minn equidae ħajjin f'faċilitajiet approvati u li jkollhom numru ta' approvazzjoni veterinarja u taħt superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' ġbir għall-fini ta' ġbir ta' demm ta' ekwidi għall-produzzjoni ta' prodotti tad-demm għal finijiet minbarra dawk ta' għalf.";

(e) fil-Kapitolu II, Taqsima 3, il-punt 2(d) huwa mibdul b 'dan li ġej:

"(d) fil-każ ta' prodotti tad-demm minbarra s-serum u l-plażma, l-istomatite vesikulari għal perjodu ta' mill-anqas sitt xhur.";

(f) fil-Kapitolu II, Taqsima 9, punt (a)(i) jinbidel b'dan li ġej:

"(i) fil-każ ta' materjali maħsubin għall-produzzjoni tal-bijodiżil jew prodotti oleokimiċi, prodotti sekondarji tal-annimali msemmijin fl-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;";

(10) L-Anness XV huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Kapitolu 3(B) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 3(B)

**Ċertifikat tas-saħħa**

*Għall-ikel għall-annimali domestiċi pproċessat minbarra ikel fil-landa maħsub biex jintbagħat fl-Unjoni Ewropea jew għal tranżitu minnha* (2)

**PAJJIŻ** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I : Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Tel. | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat / I.2.a.<br>I.3. Awtorità kompetenti ċentrali<br>I.4. Awtorità kompetenti lokali |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO / I.8. Reġjun tal-oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO / I.10. Reġjun tad-destinazzjoni — Kodiċi |
| I.11. Post tal-oriġini<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. Post tad-destinazzjoni<br>Isem — Maħżen doganali ☐<br>Indirizz — Numru tal-approvazzjoni<br>Kodiċi Postali |
| I.13. Post tat-tagħbija | I.14. Data tat-tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura tal-prodott<br>Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐ | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur | I.24. Tip ta' imballaġġ |
| I.25. Prodotti ċċertifikati għal:<br>Għalf tal-annimali ☐ Użu tekniku ☐ | |
| I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ |
| I.28. L-identifikazzjoni tal-prodotti<br>Speċi (isem xjentifiku) — Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura — Piż nett — Numru tal-lott | |

**PAJJIŻ**

**Ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi minbarra ikel fil-landa għall-annimali domestiċi**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. **Informazzjoni dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Jiena, hawn taħt iffirmat veterinarju uffiċjali, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]) u partikolarment l-Artikoli 8 u 10 tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011( ([1b]), u partikolarment l-Anness XIII, il-Kapitolu II u l-Anness XIV, il-Kapitolu II tiegħu u niċċertifika li l-ikel għall-annimali domestiċi deskritt hawn fuq:

II.1. tħejja u nħażen f'impjant approvat u b'superviżjoni mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

II.2. ġie ppreparat esklussivament bil-prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin:

([2]) *jew* [- karkassi u partijiet ta' annimali maqtulin jew, fil-każ ta' kaċċa, iġsma jew partijiet ta' annimali maqtulin, u li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda ma jkunux maħsubin għall-konsum mill-biedem għal raġunjiet kummerċjali;]

([2]) *u/jew* [- karkassi u l-partijiet li ġejjin li joriġinaw jew minn annimali li nqatlu f'biċċerija u tqiesu tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem jew minn iġsma u mill-partijiet tal-annimali tal-kaċċa li ġew maqtulin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

(i) karkassi jew iġsma u partijiet ta' annimali li jkunu rrifjutati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;

(ii) irjus ta' tjur tal-irziezet;

(iii) ġlud, inklużi bċejjeċ minnhom, qrun u saqajn, inklużi l-għadam tal-karpu u l-metakarpu, l-għadam tal-falanġi, tat-tarsus u l-metatarsus, ta':

(iv) lanżit tal-ħanżir;

(v) rix;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji mit-tjur u l-lagomorfi maqtula fl-irziezet kif imsemmi fl-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, li ma urew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bniedem jew mill-annimali;

([2]) *u/jew* [- demm ta' annimali li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed mid-demm mill-bnedmin jew mill-annimali, miksub minn annimali minbarra ruminanti li jkunu ġew maqtula f'biċċerija wara li jkunu tqiesu tajbin għat-tbiċċir għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji mill-annimali ġejjin mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inkluż għadam bix-xaħam imneħħi, qasab tas-saqajn u ħama taċ-ċentrifugi jew tas-separaturi mill-ipproċessar tal-ħalib;]

([2]) *u/jew* [- prodotti li joriġinaw minn annimali, jew oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw minn annimali, li ma jkunux maħsubin aktar għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2]) *u/jew* [- ikel għall-annimali domestiċi u għalf li joriġinaw mill-annimali, jew għalf li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati, li ma jkunux maħsubin aktar għal għalf għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2]) *u/jew* [- demm, plaċenta, suf, rix, xagħar, qrun, qatgħat ta' qwieqeb u ħalib mhux pasturizzat li joriġinaw minn annimali ħajjin li ma kinux urew sinjali ta' xi mard li jittieħed minn dawk il-prodotti mill-bnedmin jew mill-annimali;]

([2]) *u/jew* [- annimali akkwatiċi u partijiet ta' annimali bħal dawn, ħlief mammiferi tal-baħar, li ma jkunu wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji minn annimali akkwatiċi li joriġinaw minn impjanti jew stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti għall-konsum mill-bniedem;]

([2]) *u/jew* [- il-materjal li ġej li joriġina mill-annimali li ma jkun wera ebda sinjal ta' mard li jittieħed minn dan il-materjal minn bnedmin jew annimali:

(i) qxur minn frott tal-baħar b'tessut artab jew laħam;

(ii) dawn li ġejjin li joriġinaw minn annimali terrestri:

— prodotti sekondarji tal-mafqas,

— bajd,

— prodotti sekondarji tal-bajd, inkluż il-qxur tal-bajd,

(iii) flieles ta' ġurnata maqtula għal raġunijiet kummerċjali;]

**PAJJIŻ** **Ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi minbarra ikel fil-landa għall-annimali domestiċi**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

(2) *u/jew* [- prodotti sekondarji tal-annimali minn invertebrati akkwatiċi jew terrestri minbarra speċijiet patoġeniċi għall-bnedmin jew għall-annimali;]

(2) *u/jew* [- annimali u partijiet tagħhom tal-ordnijiet żooloġiċi Rodentia u Lagomorpha, ħlief materjal tal-Kategorija 1 kif imsemmi fl-Artikolu 8(a)(iii), (iv) u (v) u materjal tal-Kategorija 2 kif imsemmi fl-Artikolu 9 minn (a) sa (g) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;]

(2) *u/jew* [- materjal minn annimali li jkunu ġew ittrattati b'ċerti sustanzi li huma pprojbiti skont id-Direttiva 96/22/KE, bl-importazzjoni tal-materjal titħalla ssir skont l-Artikolu 35(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009;]

II.3.

(2) *u/jew* [kien soġġett għal trattament bis-sħana ta' mill-anqas 90 °C mas-sustanza kollha tiegħu;]

(2) *u/jew* [inħadem minn ingredjenti li joriġinaw minn annimali bl-użu esklussiv ta' prodotti li kienu:

(a) fil-każ ta' prodotti sekondarji mill-annimali jew prodotti derivati minn laħam jew minn prodotti mil-laħam, soġġetti għal trattament bis-sħana ta' mill-anqas 90 °C mas-sustanza kollha tagħhom;

(b) fil-każ ta' ħalib u prodotti b'bażi tal-ħalib,

(i) jekk ikunu minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna B tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 605/2010 (3), li għaddew minn trattament ta' pasturizzazzjoni suffiċjenti biex jinkiseb test negattiv ta' fosfatażi;

(ii) b'pH imnaqqas għal anqas minn 6 minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna C tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010, li l-ewwel għaddew minn trattament ta' pasturizzazzjoni suffiċjenti biex jinkiseb test negattiv ta' fosfatażi;

(iii) jekk ikunu minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna C tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010, li għaddew minn proċess ta' sterilizzazzjoni jew għal trattament doppju bis-sħana fejn kull trattament ikun suffiċjenti biex jinkiseb test negattiv ta' fosfatażi minnu stess;

(iv) jekk ikunu minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna C tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 605/2010, fejn tkun faqqgħet il-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-aħħar 12-il xahar jew fejn ikun ingħata tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-aħħar 12-il xahar, li jkunu għaddew

jew

— minn proċess ta' sterilizzazzjoni li bih jinkiseb valur ta' Fc daqs jew aktar minn 3

jew

— minn trattament inizjali bis-sħana b'effett ta' sħana għallinqas ekwivalenti għal dak miksub minn proċess ta' pastorizzazzjoni ta' mill-anqas 72 °C għal mill-anqas 15-il sekonda u biżżejjed biex jipproduċi reazzjoni negattiva għat-test tal-fosfatażi, segwit minn

jew

— tieni trattament bis-sħana b'effett ta' sħana għallinqas ekwivalenti għal dak miksub mit-trattament inizjali bis-sħana, u li jkun suffiċjenti biex jipproduċi reazzjoni negattiva għat-test tal-fosfatażi, segwit, fil-każ ta' ħalib tat-trab, jew prodotti b'bażi ta' ħalib tat-trab, minn proċess ta' tnixxif

jew

— proċess ta' aċidifikazzjoni b'mod li l-pH ikun baqa' miżmum f'anqas minn 6 għal mill-anqas siegħa;

(c) fil-każ tal-ġelatina, magħduma bl-użu ta' proċess li jiżgura li l-materjal tal-Kategorija 3 mhux ipproċessat ikun soġġett għal trattament bl-aċidi jew bl-alkali, u wara bi tlaħlieħa waħda jew aktar b'aġġustament sussegwenti ta' pH u wara, jekk ikun meħtieġ jittenna, b'estrazzjoni tas-sħana, segwit minn tisfija permezz ta' filtrazzjoni u sterilizzazzjoni;

(d) fil-każ ta' proteina idrolizzata magħduma bl-użu ta' proċess ta' produzzjoni li jinvolvi miżuri xierqa biex ikun hemm kontaminazzjoni mill-anqas ta' materja prima tal-Kategorija 3, u, fil-każ ta' proteina idrolizzata derivata kollha jew parti minnha minn ġlud ta' ruminanti magħdumin f'impjant ta' proċessar apposta għall-produzzjoni tal-proteina idrolizzata biss, bl-użu biss ta' materjal b'piż molekulari taħt 10000 Dalton u bl-użu ta' proċess li jinvolvi t-tħejjija ta' materja prima tal-Kategorija 3 billi jiġu mmellħa, ittrattati bil-ġir u magħsula b'mod intensiv segwiti minn:

(i) espożizzjoni tal-materjal għal pH ta' aktar minn 11 għal aktar minn tliet sigħat f'temperatura ta' aktar minn 80 °C u wara bi trattament bis-sħana ta' aktar minn 140 °C għal 30 minuta f'aktar minn 3,6 bar; jew

| PAJJIŻ | | Ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi minbarra ikel fil-landa għall-annimali domestiċi | |
|---|---|---|---|
| II. | **Informazzjoni dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |

(ii) espożizzjoni tal-materjal għal pH minn 1 sa 2, segwita b'pH ta' aktar minn 11, u wara bi trattament bis-sħana ta' 140 °C għal 30 minuta fi 3 bar;

(e) fil-każ ta' prodotti mill-bajd li għaddew minn kwalunkwe metodu tal-ipproċessar minn 1 sa 5 jew 7, kif imsemmi fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011; jew ittrattati skont il-Kapitolu II tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(f) fil-każ ta' kollaġini li għaddiet minn proċess li jiżgura li materjal tal-Kategorija 3 mhux ipproċessat ikun soġġett għal trattament li jinvolvi ħasil, aġġustament ta' pH bl-użu ta' aċidu jew alkali segwit minn tlaħlieħa waħda jew aktar, filtrazzjoni u estrużjoni, bil-probizzjoni tal-użu ta' preservattivi minbarra dawk permessi b'leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(g) fil-każ ta' prodotti tad-demm, maħdumin bl-użu ta' kull metodu ta' pproċessar minn 1 sa 5 jew 7, kif imsemmi fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;

(h) fil-każ ta' proteina pproċessata ta' annimali mammiferi li għaddiet minn kwalunkwe metodu ta' pproċessar minn 1 sa 5 jew 7 u, fil-każ ta' demm ta' porċini, li għadda minn kull metodu ta' pproċessar minn 1 sa 5 jew 7, bil-kundizzjoni li fil-każ tal-metodu 7 jkun ġie applikat trattament bis-sħana mas-sustanza tiegħu kollha f'temperatura minima ta' 80 °C;

(i) fil-każ ta' proteina pproċessata ta' annimali mhux mammiferi bl-esklużjoni ta' ħut mitħun li għaddiet minn kwalunkwe metodu ta' pproċessar minn 1 sa 5 jew 7 kif imsemmi fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;

(j) fil-każ ta' ħut mitħun li għadda minn kwalunkwe metodu ta' pproċessar jew minn metodu u parametri li jiżguraw li l-prodotti jkunu konformi mal-istandards mikrobijoloġiċi għal prodotti dderivati stabbiliti fil-Kapitolu I tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;

(k) fil-każ ta' xaħam imdewweb, inkluż żjut tal-ħut, li għadda minn kwalunkwe metodu ta' pproċessar minn 1 sa 5 jew 7 (u mill-metodu 6 fil-każ ta' żejt tal-ħuta), kif imsemmi fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011 jew maħdum skont il-Kapitolu II tat-Taqsima XII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; xaħmijiet imdewba ġejjin minn ruminanti għandhom jissaffew b'mod li l-livell massimu tal-impuritajiet kollha li ma jinħallux li jifdal ma jaqbiżx iż-0,15 % fil-piż;

(l) fil-każ ta' fosfat tad-dikalċju li jsir bi proċess li

(i) jiżgura li l-materjal bl-għadam ta' Kategorija 3 huwa mfarrak irqiq u x-xaħam tiegħu mneħħi permezz ta' ilma jaħraq u trattat b'aċidu idrokloriku dilwit (f'konċentrazzjoni minima ta' 4 % u pH ta' inqas minn 1,5) fuq perjodu ta' mill-inqas jumejn;

(ii) wara l-proċedura skont (i), ikun applikat trattament bil-ġir tal-likur fosforiku miksub, li jirriżulta f'sediment ta' fosfat tad-dikalċju f'pH 4 sa 7; kif ukoll

(i) karkassi jew iġsma u partijiet ta' annimali li jkunu rrifjutati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;

(ii) irjus ta' tjur tal-irziezet;

(iii) ġlud, inklużi bċejjeċ minnhom, qrun u saqajn, inklużi l-għadam tal-karpu u l-metakarpu, l-għadam tal-falanġi, tat-tarsus u l-metatarsus:

(iv) lanżit tal-ħanżir;

(v) rix;]

([2]) *u/jew* [- demm ta' annimali li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed mid-demm mill-bnedmin jew mill-annimali miksub minn annimali minbarra ruminanti li jkunu nqatlu f'biċċerija wara li jkunu tqiesu tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji mill-annimali ġejjin mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inkluż għadam bix-xaħam imneħħi, qasab tas-saqajn u ħama taċ-ċentrifugi jew tas-separaturi mill-ipproċessar tal-ħalib;]

([2]) *u/jew* [- prodotti li joriġinaw minn annimali, jew oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw minn annimali, li ma jkunux maħsubin aktar għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2]) *u/jew* [- ikel għall-annimali domestiċi u għalf li joriġinaw mill-annimali, jew għalf li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati, li ma jkunux maħsubin aktar għall-għalf għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2]) *u/jew* [- demm, plaċenta, suf, rix, xagħar, qrun, qatgħat ta' qwieqeb u ħalib mhux pasturizzat li joriġinaw minn annimali ħajjin li ma kinux urew sinjali ta' xi mard li jittieħed minn dawk il-prodotti mill-bnedmin jew mill-annimali;]

([2]) *and/or* [- annimali akkwatiċi u partijiet ta' annimali bħal dawn, ħlief mammiferi tal-baħar, li ma jkunu wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji minn annimali akkwatiċi li joriġinaw minn impjanti jew stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti għall-konsum mill-bniedem;]

| PAJJIŻ | | Xaħmijiet imdewba mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal ċerti finijiet 'il barra mill-katina tal-għalf | |
|---|---|---|---|
| II. | Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |

(2) *u/jew* [- il-materjal li ġej li joriġina mill-annimali li ma jkun wera ebda sinjal ta' mard li jittieħed minn dan il-materjal minn bnedmin jew annimali:

(i) qxur minn frott tal-baħar b'tessut artab jew laħam;

(ii) dawn li ġejjin li joriġinaw minn annimali terrestri:

— prodotti sekondarji tal-mafqas,

— bajd,

— prodotti sekondarji tal-bajd, inkluż il-qxur tal-bajd,

(iii) flieles ta' ġurnata maqtula għal raġunijiet kummerċjali;]

(2) *u/jew* [- invertebrati akkwatiċi u terrestri għajr għal speċijiet patoġeniċi għal bnedmin jew annimali;]

(2) *u/jew* [- annimali u partijiet minnhom tal-ordnijiet żooloġiċi Rodentia u Lagomorpha, għajr materjal tal-Kategorija 1 kif imsemmi fl-Artikolu 8(a)(iii), (iv) u (v) u materjal tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u tal-Kategorija 2 kif imsemmi fl-Artikolu 9(a) sa (g) ta' dak ir-Regolament;

(2) *u/jew* [- ġlud, qwieqeb, rix, suf, qrejjen, xagħar u fer li joriġinaw minn annimali mejtin li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed minn dak il-prodott mill-bnedmin jew mill-annimali;]

(2) *u/jew* [- tessut xaħmi minn annimali li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed minn dak il-materjal mill-bnedmin jew mill-annimali, li nqatlu f'biċċerija u li tqiesu tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

II.2.4. fil-każ ta' materjali maħsuba għal skopijiet għajr il-produzzjoni ta' fertilizzanti organiċi jew materjali li jtejbu l-ħamrija,il-kożmetiċi, tagħmir farmaċewtiku jew mediku jew fjuwils li jiġġeddu msemmijin fil-punt J tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011:

(2) *jew* [- materjal speċifiku ta' riskju kif iddefinit fl-Artikolu 3(1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (3);]

(2) *u/jew* [- iġsma sħaħ jew partijiet ta' annimali mejta li jkun fihom materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fl-Artikolu 3(1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 meta jintremew;]

(2) *u/jew* [- prodotti sekondarji tal-annimali li kienu ġejjin minn annimali li tqiegħdu għal trattament illegali kif iddefinit fl-Artikolu 1(2)(d) tad-Direttiva 96/22/KE jew l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 96/23/KE;]

(2) *u/jew* [- prodotti sekondarji tal-annimali li jkun fihom residwi ta' sustanzi u kontaminanti ambjentali oħra elenkati fil-Grupp B(3) tal-Anness I tad-Direttiva 96/23/KE, jekk residwi bħal dawn jaqbżu l-livelli permessi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew, jekk ma jkunx hemm din, bil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-importazzjoni;]

II.3. ix-xaħmijiet imdewba:

(a) kienu ssoġġettati għal proċessar skont il-metodu ...................... kif stabbilit fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, biex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi;

(b) kienu mmarkati bil-gliċeroltriettanoat (GTH) qabel ma ntbagħtu bil-baħar fl-Unjoni Ewropea, biex b'hekk tinkiseb konċentrazzjoni omoġenea minima ta' mill-anqas 250 mg GTH għal kull kilogram xaħam,

(c) fil-każ ta' xaħmijiet imdewba ta' oriġini minn ruminanti, ikunu tneħħew impuritajiet li ma jinħallux ta' aktar minn 0,15% fil-piż,

(d) ikunu ġew ittrasportati f'kundizzjonijiet li ma jippermettux il-kontaminazzjoni tagħhom, u

(e) ikollhom tikketti fuq l-imballaġġ jew il-kontenitur li jindikaw 'MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI';

**PAJJIŻ** **Xaħmijiet imdewba mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal ċerti finijiet 'il barra mill-katina tal-għalf**

| II. **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

II.4. fil-każ ta'materjali maħsubin għal fertilizzanti organiċi, kożmetiċi, farmaċewtiċi, tagħmir mediku, prodotti li jtejbu l-ħamrija jew fjuwils rinnovabbli msemmija fil-punt J tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011:

(2) *jew* [il-prodott ma fihx u mhux ġej minn materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001jew lanqas mhu laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini; u l-annimali li minnhom ġej dan il-prodott ma nqatlux wara sturdament bil-gass injettat fil-kavità kranjali, u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu u lanqas ma nqatlu bit-tiċrit tat-tessut nervuż ċentrali bi strument tawwali f'għamla ta' virga mdaħħla fil-kavità kranjali.]

(2) *jew* [il-prodott ma fihx u mhux ġej minn materjali ta' bovini, ovini jew kaprini minbarra dawk li ġejjin minn annimali mwelldin, imrobbijin kontinwament u maqtulin f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikati bħala li jkunu ta' riskju negliġibbli ta' BSE b'deċiżjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]

*Noti*

**Parti I:**

— Il-kaxxa ta' referenza I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott importat.

— Il-kaxxi ta' referenza I.11 u I.12: Numru tal-approvazzjoni: in-numru tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment jew tal-impjant li jkun inħareġ mill-awtorità kompetenti.

— Il-kaxxa ta' referenza I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen doganali.

— Il-kaxxa ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ tal-ħatt jew tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-Post għall-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera (BIP) tad-dħul fl-UE.

— Kaxxa I.19: uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 15.01, 15.02; 15.03; 15.04; 15.05; 15.06; 15.16; 15.17 jew 15.18.

— Il-kaxxa ta' referenza I.23: għal kontejners li jieħdu l-kwantità, in-numru tal-kontejner u tas-siġill (jekk japplika) għandhom ikunu inklużi.

— Il-kaxxa ta' referenza I.25: użu tekniku: kull użu ieħor minbarra konsum mill-annimali.

— Il-kaxxi ta' referenza I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Il-kaxxa ta' referenza I.28:

— L-ispeċi: agħżel minn dawn li ġejjin: Ruminantia, oħra

— Impjant tal-manifattura: agħti n-numru tar-reġistrazzjoni tat-trattament/tal-istabbiliment tal-proċessar.

**Parti II:**

(1a) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

(1b) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

(2) Ħassar kif xieraq.

(3) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

— Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-UE: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:"

(i) Il-Kapitolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 11

**Ċertifikat tas-saħħa**

*Għal ġelatina u kollaġini mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw bħala materjal ta' għalf jew għal finijiet barra mill-katina tal-għalf, maħsubin biex jintbagħtu l-Unjoni Ewropea jew għal tranżitu minnha* ([2])

**PAJJIŻ** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I : Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat

I.2.a.

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO

I.8. Reġjun tal-oriġini — Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.10. Reġjun tad-destinazzjoni — Kodiċi

I.11. Post tal-oriġini
Isem — Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem — Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem — Numru tal-approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post tad-destinazzjoni
Isem — Maħżen doganali ☐
Indirizz — Numru tal-approvazzjoni
Kodiċi Postali

I.13. Post tat-tagħbija

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni
Referenzi dokumentarji

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodott
Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:
Għalf tal-annimali ☐ Użu tekniku ☐

I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐
Pajjiż terz — Kodiċi ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. L-identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (isem xjentifiku) | Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura | Għadd ta' pakketti | Piż nettt | Numru tal-lott |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

**PAJJIŻ**

**Ġelatina u kollaġini mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw bħala materjal ta' għalf jew għal finijiet barra mill-katina tal-għalf**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| II. **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]) u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([1b]), u partikolarment l-Anness XIV, il-Kapitolu I tiegħu, u niċċertifika li l-ġelatina/kollaġini ([2]) deskritti hawn fuq:

II.1. jikkonsistu f'ġelatina/kollaġini ([2]) li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' hawn taħt;

II.2. jikkonsistu esklussivament f'ġelatina/kollaġini ([2]) mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

II.3. tħejjew u nħażnu f'impjant approvat, validat u b'superviżjoni mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, biex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi;

II.4. ġew ippreparati esklussivament bil-prodotti sekondarji tal-annimali li ġejjin:

([2]) *jew* [- karkassi u partijiet ta' annimali maqtulin jew, fil-każ ta' kaċċa, iġsma jew partijiet ta' annimali maqtulin, u li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda ma jkunux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali;]

([2]) *u/jew* [- karkassi u l-partijiet li ġejjin li joriġinaw jew minn annimali li nqatlu f'biċċerija u tqiesu tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem jew minn iġsma u mill-partijiet tal-annimali tal-kaċċa li ġejjin maqtulin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

(i) karkassi jew iġsma u partijiet ta' annimali li jkunu rrifjutati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-nnimali;

(ii) irjus ta' tjur tal-irziezet;

(iii) ġlud, inklużi bċejjeċ minnhom, qrun u saqajn, inklużi l-għadam tal-karpu u l-metakarpu, l-għadam tal-falanġi, tat-tarsus u tal-metatarsus;

(iv) lanżit tal-ħanżir;

(v) rix;]

([2]) *)u/jew* [- prodotti sekondarji mill-annimali ġejjin mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inkluż għadam bix-xaħam imneħħi, qasab tas-saqajn u ħama taċ-ċentrifugi jew tas-separaturi mill-ipproċessar tal-ħalib;]

([2]) *u/jew* [- prodotti li joriġinaw minn annimali, jew oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw minn annimali, li ma jkunux maħsubin aktar għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2]) *u/jew* [- ikel għall-annimali domestiċi u għalf li joriġinaw mill-annimali, jew għalf li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati, li ma jkunux maħsubin aktar għal għalf għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2]) *u/jew* [- annimali akkwatiċi u partijiet ta' annimali bħal dawn, ħlief mammiferi tal-baħar, li ma jkunu wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji minn annimali akkwatiċi li joriġinaw minn impjanti jew stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti għall-konsum mill-bniedem;]

II.5. il-ġelatina/kollaġini ([2]):

(a) tgeżwret, ġiet ippakkjata, inħażnet u ngarret f'kundizzjonijiet ta' iġjene sodisfaċenti, u partikolarment it-tgeżwir u l-imballaġġ saru f'kamra apposta, u ntużaw biss preservattivi permessi skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
It-tgeżwir u l-imballaġġ li jkun fihom il-ġelatina/kollaġinin ([2]) għandhom il-kliem"ĠELATINA/KOLLAĠINI(2) TAJBA GĦALL-KONSUM MILL-ANNIMALI"; kif ukoll

([2]) *jew* [(b) fil-każ tal-ġelatina, din tkun inħadmet bi proċess li jiżgura li materjal tal-Kategorija 3 mhux ipproċessat ikun soġġett għal trattament bl-aċidu jew bl-alkali, segwit minn tlaħliħa waħda jew aktar, li jinvolvi aġġustament tal-pH, estrazzjoni bis-sħana darba waħda jew aktar, waħda wara oħra, u wara b'tisfija bil-filtrazzjoni u l-isterilizzazzjoni, biex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi;]

([2]) *jew* [(b) fil-każ tal-kollaġini, din tkun inħadmet bi proċess li jiżgura li materjal tal-Kategorija 3 mhux ipproċessat ikun soġġett għal trattament li jinvolvi ħasil, aġġustament tal-pH bl-użu ta' aċidu jew alkali u wara bi tlaħliħa waħda jew aktar, filtrazzjoni u estrużjoni, biex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi;]

**PAJJIŻ**

**Ġelatina u kollaġini mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw bħala materjal ta' għalf jew għal finijiet barra mill-katina tal-għalf**

| II. | **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

II.6. każ tal-ġelatina/kollaġini (2) minn materjali li mhux ġlud:

(2) *jew* [il-prodott ma fihx u mhux ġej minn materjal ta' riskju speċifikat kif iddefinit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (3) u lanqas mhu laħam separat mekkanikament miksub minn għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini; u l-annimali li minnhom ġej dan il-prodott ma nqatlux wara sturdament bil-gass injettat fil-kavità kranjali, jew inqatlu bl-istess metodu u lanqas ma nqatlu bit-tiċrit tat-tessut nervuż ċentrali bi strument tawwali f'għamla ta' virga mdaħħla fil-kavità kranjali;]

(2) *jew* [il-prodott ma fihx u mhux ġej minn materjali ta' bovini, ovini jew kaprini minbarra dawk li ġejjin minn annimali mwelldin, imrobbijin kontinwament u maqtulin f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikati li jkunu ta' riskju negliġibbli ta' BSE b'deċiżjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

II.7. fil-każ tal-ġelatina/kollaġini (2) minn materjali li mhux ġlud:
flimkien ma' dan, fir-rigward ta' TSE:

(2) *jew* [f'każ ta' prodotti sekondarji tal-annimali maħsubin għal għalf għar-ruminanti u li jkollhom fihom ħalib jew prodotti tal-ħalib ta' oriġini ovina jew kaprina, l-annimali ovini jew kaprini li minnhom jiġu dawn il-prodotti nżammu kontinwament mit-twelid jew tul l-aħħar tliet snin f'azjenda fejn mhi imposta ebda restrizzjoni fuq il-moviment minħabba suspett ta' TSE u li tkun issodisfat ir-rekwiżiti li ġejjin għal dawn l-aħħar tliet snin :

(i) kien soġġett għall-verifiki veterinarji uffiċjali regolari;

(ii) ma kien hemm dijanjożi ta' ebda każ ta' scrapie klassika, kif iddefinit fil-punt 2(g) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew, wara l-konferma ta' każ ta' scrapie klassika:

— l-annimali kollha li ġew ikkonfermati li kellhom il-marda tal-ħakk klassika nqatlu u nqerdu, u

— in-nagħaġ u l-mogħoż kollha fl-ażjenda nqatlu u nqerdu, ħlief imtaten tat-tgħammir tal-ġenotip ARR/ARR, u nagħaġ tat-tgħammir li jkollhom mill-anqas allel ARR wieħed u ebda allel VRQ,

(iii) annimali ovini u kaprini, ħlief nagħaġ tal-ġenotip prijoniku ARR/ARR, jiddaħħlu fl-azjenda biss jekk jiġu minn azjenda li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (i) u (ii).]

(2) *jew* [f'każ ta' prodotti sekondarji tal-annimali maħsubin għal għalf għar-ruminanti u li jkollhom fihom ħalib jew prodotti tal-ħalib ta' oriġini ovina jew kaprina, u maħsubin għal Stat Membru elenkat fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2006 (4), l-annimali ovini jew kaprini li minnhom jiġu dawn il-prodotti nżammu kontinwament mit-twelid jew għall-aħħar seba' snin f'azjenda fejn mhi imposta ebda restrizzjoni fuq il-moviment minħabba suspett ta' TSE u li tkun issodisfat ir-rekwiżiti li ġejjin għall-aħħar seba' snin:

(i) kien soġġett għall-verifiki veterinarji uffiċjali regolari;

(ii) ma kien hemm dijanjożi ta' ebda każ ta' scrapie klassika, kif iddefinit fil-punt 2(g) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew, wara l-konferma ta' każ ta' scrapie klassika:

— l-annimali kollha li ġew ikkonfermati li kellhom il-marda tal-ħakk klassika nqatlu u nqerdu, u

— in-nagħaġ u l-mogħoż kollha fl-ażjenda nqatlu u nqerdu, ħlief imtaten tat-tgħammir tal-ġenotip ARR/ARR, u nagħaġ tat-tgħammir li jkollhom mill-anqas allel ARR wieħed u ebda allel VRQ;

(iii) annimali ovini u kaprini, ħlief nagħaġ tal-ġenotip prijoniku ARR/ARR, jiddaħħlu fl-azjenda biss jekk jiġu minn azjenda li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (i) u (ii).]

*Noti*

**Parti I:**

— Il-kaxxa ta' referenza I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott importat.

— Il-kaxxa ta' referenza I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen doganali..

— Il-kaxxa ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ tal-ħatt jew tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-Post għall-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera (BIP) tad-dħul fl-UE.

— Kaxxa I.19: uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 35.03 jew 35.04..

— Il-kaxxa ta' referenza I.23: għal kontejners li jieħdu l-kwantità, in-numru tal-kontejner u tas-siġill (jekk japplika) għandhom ikunu inklużi..

— Il-kaxxa ta' referenza I.25: użu tekniku: kull użu ieħor minbarra konsum mill-annimali.

— Il-kaxxi ta' referenza I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Il-kaxxa ta' referenza I.28: L-ispeċi: agħżel minn dawn li ġejjin: Aves, Ruminantia, Mammalia, Ruminantia, Pesca.

**PAJJIŻ**

**Ġelatina u kollaġini mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw bħala materjal ta' għalf jew għal finijiet barra mill-katina tal-għalf**

| II. **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II:**

([1a]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([1b]) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

([2]) Ħassar kif xieraq.

([3]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

([4]) ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28.

— Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:'

(j) Il-Kapitolu 14(A) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 14(A)

**Ċertifikat tas-saħħa**

*Għal derivattivi mix-xaħam mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw bħala għalf jew barra mill-katina tal-għalf, maħsubin biex jintbagħtu l-Unjoni Ewropea jew għal tranżitu minnha* (2)

**PAJJIŻ** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I : Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat — I.2.a.<br>I.3. Awtorità kompetenti ċentrali<br>I.4. Awtorità kompetenti lokali |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO<br>I.8. Reġjun tal-oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO<br>I.10. Reġjun tad-destinazzjoni — Kodiċi |
| I.11. Post tal-oriġini<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. Post tad-destinazzjoni<br>Isem — Maħżen doganali ☐<br>Indirizz — Numru tal-approvazzjoni<br>Kodiċi Postali |
| I.13. Post tat-tagħbija | I.14. Data tat-tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura tal-prodott<br>Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐ | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur | I.24. Tip ta' imballaġġ |
| I.25. Prodotti ċċertifikati għal:<br>Uzu tekniku ☐ | |
| I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ |

I.28. L-identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (Isem xjentifiku) | Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura | Għadd ta' pakketti | Piż nett | Numru tal-lott |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

**PAJJIŻ**

**Derivattivi mix-xaħam mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw barra mill-katina tal-għalf**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]) u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([1b]), u partikolarment l-Anness II, il-Kapitolu XIV tiegħu, u niċċertifika li d-derivattivi mix-xaħam deskritt hawn fuq:

II.1. jikkonsistu f'derivattivi tax-xaħam li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' hawn taħt;

II.2. jikkonsistu minn derivattivi mix-xaħam maħsubin għal finijiet barra mill-katina tal-għalf, minbarra f'kożmetiċi, farmaċewtiċi u tagħmir mediku;

II.3. tħejjew u nħażnu f'impjant approvat, validat u b'superviżjoni mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, biex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi;

II.4. tħejjew minn xaħmijiet imdewba maħdumin esklussivament mill-materjali li ġejjin:

II.4.1. f'każ li d-derivattivi mix-xaħam ikunu maħsubin għal użijiet barra mill-katina tal-għalf, minbarra f'fertilizzanti organiċi, materjali li jtejbu l-ħamrija, kożmetiċi, farmaċewtiċi u tagħmir mediku, il-materjali li ġejjin tal-Kategorija 1:

([2]) *jew* [- il-materjal li ġej:

(i) materjal ta' riskju speċifikat;

(ii) iġsma sħaħ jew partijiet minn annimali mejtin li fihom materjal ta' riskju speċifikat fil-ħin tar-rimi;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji tal-annimali li kienu ġejjin minn annimali li tqiegħdu għal trattament illegali kif iddefinit fl-Artikolu 1(2)(d) tad-Direttiva 96/22/KE jew l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 96/23/KE;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji tal-annimali li jkun fihom residwi ta' sustanzi u kontaminanti ambjentali oħra elenkati fil-Grupp B ([3]) tal-Anness I tad-Direttiva 96/23/KE, jekk residwi bħal dawn jaqbżu l-livelli permessi stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew, jekk ma jkunx hemm din, bil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-importazzjoni;]

II.4.2. fil-każ li d-derivattivi mix-xaħam ikunu maħsubin biex jintużaw f'fertilizzanti organiċi jew f'materjali li jtejbu l-ħamrija jew għal użijiet oħra barra mill-katina tal-għalf, minbarra f'kożmetiċi, f'farmaċewtiċi u f'tagħmir mediku, il-materjali li ġejjin tal-Kategorija 2:

([2]) *jew* [- prodotti sekondarji tal-animali li jkun fihom residwi ta' sustanzi jew kontaminanti awtorizzati li jkunu jaqbżu l-livelli permessi imsemmijin fl-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 96/23/KE;]

([2]) *u/jew* [- prodotti ta'oriġini mill-annimali li kienu iddikjarati mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem minħabba li kien hemm affarijiet barranin f'dawk il-prodotti;

([2]) *u/jew* [- annimali u partijiet ta' annimali, minbarra dawk imsemmijin fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li mietu minbarra dawk li nqatlu għall-konsum mill-bniedem, inklużi annimali maqtulin għal finijiet ta' kontroll ta' mard;]

II.4.3. il-materjali tal-Kategorija 3 li ġejjin:

([2]) *jew* [- karkassi u partijiet ta' annimali maqtulin jew, fil-każ ta' kaċċa, iġsma jew partijiet ta' annimali maqtulin, u li jkunu tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda ma jkunux maħsubin għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali;]

([2]) *u/jew* [- karkassi u l-partijiet li ġejjin li joriġinaw jew minn annimali li nqatlu f'biċċerija u tqiesu tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem jew minn iġsma u mill-partijiet tal-annimali tal-kaċċa li ġejjin maqtulin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni:

(i) karkassi jew iġsma u partijiet ta' annimali li jkunu rrifjutati bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;

(ii) irjus ta' tjur tal-irziezet;

(iii) ġlud, inklużi bċejjeċ minnhom, qrun u saqajn, inklużi l-għadam tal-karpu u l-metakarpu, l-għadam tal-falanġi, tat-tarsus u tal-metatarsus;

(iv) lanżit tal-ħanżir;

(v) rix;]

([2]) *u/jew* [- demm ta' annimali li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed mid-demm mill-bnedmin jew mill-annimali miksub minn annimali li jkunu nqatlu f'biċċerija wara li jkunu tqiesu tajbin għall-qatla għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni ante-mortem skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;]

([2]) *u/jew* [- prodotti sekondarji mill-annimali ġejjin mill-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem inkluż għadam bix-xaħam imneħħi, qasab tas-saqajn u ħama taċ-ċentrifugi jew tas-separaturi mill-ipproċessar tal-ħalib;]

| PAJJIŻ | | Derivattivi mix-xaħam mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw barra mill-katina tal-għalf | |
|---|---|---|---|
| II. | **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |

(2) *u/jew* [- prodotti li joriġinaw minn annimali, jew oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw minn annimali, li ma jkunux maħsubin aktar għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

(2) *u/jew* [- ikel għall-annimali domestiċi u għalf li joriġinaw mill-annimali, jew għalf li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati, li ma jkunux maħsubin aktar għal għalf għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

(2) *u/jew* [- demm, plaċenta, suf, rix, xagħar, qrun, qatgħat ta' qwieqeb u ħalib mhux pasturizzat li joriġinaw minn annimali ħajjin li ma kinux urew sinjali ta' xi mard li jittieħed minn dawk il-prodotti mill-bnedmin jew mill-annimali;]

(2) *u/jew* [- annimali akkwatiċi u partijiet ta' annimali bħal dawn, ħlief mammiferi tal-baħar, li ma jkunu wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed mill-bnedmin jew mill-annimali;]

(2) *u/jew* [- prodotti sekondarji minn annimali akkwatiċi li joriġinaw minn impjanti jew stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti għall-konsum mill-bniedem;]

(2) *u/jew* [- il-materjal li ġej li joriġina mill-annimali li ma jkun wera ebda sinjal ta' mard li jittieħed minn dan il-materjal minn bnedmin jew annimali:

(i) qxur minn frott tal-baħar b'tessut artab jew laħam;

(ii) dawn li ġejjin li joriġinaw minn annimali terrestri:

— prodotti sekondarji tal-mafqas,

— bajd,

— prodotti sekondarji tal-bajd, inkluż qxur tal-bajd;

(iii) flieles ta' ġurnata maqtula għal raġunijiet kummerċjali;]

II.5. fil-każ ta' derivattivi mix-xaħam maħdumin minn prodotti sekondarji tal-annimali msemmijin fil-punt II.4.1 u fil-punt II.4.2:

(a) ikunu nħadmu bl-użu tal-metodi li ġejjin:

(2) *jew* [transesterifikazzjoni jew idrolisi f'mill-anqas 200 °C, taħt pressjoni korrispondenti adatta, għal 20 minuta (gliċerol, aċidi xaħmin u esteri),]

(2) *jew* [saponifikazzjoni b'NaOH 12M (gliċerol u sapun):

(2) *jew* [fi proċess ta' lottijiet f'95 °C għal tliet sigħat,]

(2) *jew* [fi proċess kontinwu f'140 °C, 2 bars (2000 hPa) għal tmien minuti;]]

(2) *jew* [idroġenizzazzjoni f'160 °C ta' 12-il bar (12000 hPa) bi pressjoni għal 20 minuta;]

(b) huma ppakkjati f'kontenituri ġodda jew f'kontenituri li tnaddfu, u ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex ma jitħallewx li jiġu kkontaminati, u li jkollhom tikketti li jindikaw "MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM JEW MILL-ANNIMALI";

II.6. f'każ ta' derivattivi mix-xaħam magħmulin minn prodotti sekondarji tal-annimali msemmijin fil-punt II.4.3, id-derivattivi mix-xaħam ikunu nħadmu skont wieħed mill-metodi ta' proċessar [1]-[2]-[3]-[4]-[5]-[6]-[7](2) msemmijin fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

*Noti*

**Parti I:**

— Il-kaxxa ta' referenza I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott importat.

— Il-kaxxa ta' referenza I.12: Post ta' destinazzjoni: Din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen doganali.

— Il-kaxxa ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ tal-ħatt jew tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-Post għall-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera (BIP) tad-dħul fl-UE.

— Kaxxa I.19: uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 15.16 jew 15.08.

| PAJJIŻ | Derivattivi mix-xaħam mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem biex jintużaw barra mill-katina tal-għalf | |
|---|---|---|
| II. **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |

— Il-kaxxa ta' referenza I.23: għal kontejners li jieħdu l-kwantità, in-numru tal-kontejner u tas-siġill (jekk japplika) għandhom ikunu inklużi.

— Il-kaxxa ta' referenza I.25: użu tekniku: kull użu ieħor minbarra konsum mill-annimali.

— Il-kaxxi ta' referenza I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

— Il-kaxxa ta' referenza I.28:

L-ispeċi: agħżel minn dawn li ġejjin: Ruminantia, oħrajn;

Impjant tal-manifattura: agħti numru tar-reġistrazzjoni tat-trattament/tal-istabbiliment tal-proċessar.

**Parti II:**

([1a]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([1b]) ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1.

([2]) Ħassar kif xieraq.

— Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:"

(k) Il-Kapitolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 15

**Ċertifikat tas-saħħa**

*Għal prodotti tal-bajd mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem li jistgħu jintużaw bħala materjal ta' għalf, maħsubin biex jintbagħtu l-Unjoni Ewropea jew għal tranżitu minnha* (2)

**PAJJIŻ** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I : Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Tel. | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat — I.2.a.<br>I.3. Awtorità kompetenti ċentrali<br>I.4. Awtorità kompetenti lokali |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO<br>I.8. Reġjun tal-oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO<br>I.10. Reġjun tad-destinazzjoni — Kodiċi |
| I.11. Post tal-oriġini<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem — Numru tal-approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. Post tad-destinazzjoni<br>Isem — Maħżen doganali ☐<br>Indirizz — Numru tal-approvazzjoni<br>Kodiċi Postali |
| I.13. Post tat-tagħbija | I.14. Data tat-tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura tal-prodott<br>Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐ | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur | I.24. Tip ta' imballaġġ |
| I.25. Prodotti ċċertifikati għal:<br>Għalf tal-annimali ☐ Użu tekniku ☐ | |
| I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ |
| I.28. L-identifikazzjoni tal-prodotti<br>Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura — Għadd ta' pakketti — Piż nett — Numru tal-lott | |

PAJJIŻ

**Prodotti tal-bajd mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem li jistgħu jintużaw bħala għalf**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. | **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li qrajt u fhimt ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]) u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu, u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 ([1b]), u partikolarment l-Anness XIV, il-Kapitolu II tiegħu, u niċċertifika li l-prodotti tal-bajd deskritti hawn fuq:

II.1. jikkonsistu fi prodotti tal-bajd li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' hawn taħt;

II.2. jikkonsistu esklussivament fi prodotti tal-bajd mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

II.3. tħejjew u nħażnu f'impjant approvat, ivvalidat u b'superviżjoni mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 jew skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), biex jinqatlu l-aġenti patoġeniċi;

II.4. tħejjew (ġew derivati) esklussivament mill-prodotti sekondarji tal-annimali kif ġej:

([2]) *jew* [- prodotti sekondarji tal-annimali li jiġu mill-produzzjoni ta' prodotti maħsubin għall-konsum mill-bniedem;]

([2]) *u/jew* [- prodotti li joriġinaw minn annimali, jew oġġetti tal-ikel li jkun fihom prodotti li joriġinaw minn annimali, li ma jkunux maħsubin aktar għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' manifattura jew difetti fl-imballaġġ jew difetti oħra li ma jagħtux lok għal riskji għas-saħħa pubblika jew tal-annimali;]

([2]) *u/jew* [- il-materjal li ġej joriġina minn annimali terrestri li ma wrew ebda sinjal ta' mard li jittieħed minn dak il-materjal mill-bnedmin jew mill-annimali:

— prodotti sekondarji tal-mafqas,

— bajd,

— prodotti sekondarji tal-bajd, inklużi qxur tal-bajd;]

II.5. ġew soġġetti għal ipproċessar:

([2]) *jew* jew [skont il-metodu ta' proċessar ................................... ([4]) kif stabbilit fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;]

([2]) *jew* jew [skont metodu u parametri li jiżguraw li l-prodotti jkunu konformi mal-istandards mikrobijoloġiċi stabbiliti fil-Kapitolu I tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;]

([2]) *jew* [skont it-Taqsima X, Kapitoli I sa II tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]

II.6. kienu eżaminati mill-awtorità kompetenti b'kampjun każwali immedjatament qabel il-bgħit u sabitu konformi mal-istandards li ġejjin ([5]):

Salmonella: nieqsa f'25 g: n = 5, c = 0, m = 0, M = 0,

Enterobacteriacae: n = 5, c = 2, m = 10, M = 300 f'1 g;

II.7. jissodisfaw l-istandards Komunitarji dwar residwi ta' sustanzi li huma ta' ħsara jew li jistgħu jalteraw il-karattarestiċi organolettiċi tal-prodott jew jirrendu l-użu tiegħu bħala għalf ta' periklu jew ta' ħsara għas-saħħa tal-annimali;

II.8. kienu ta' prodott aħħari:

([2]) *jew* [ippakkjat f'boroż ġodda jew sterilizzati,]

([2]) *jew* [ittrasportat fi kwantitajiet f'kontejners jew f'mezzi oħra tat-trasport li tnaddfu sewwa u kienu diżinfettati b'diżinfettant approvat mill-awtorità kompetenti qabel ma ntużaw,]

u b'tikketti li jindikaw "MHUX GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM";

II.9. il-prodott aħħari kien maħżun f'post magħluq;

II.10. il-prodott għadda mill-prekawzjonijiet kollha biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni b'aġenti patoġeniċi wara t-trattament.

*Noti*

**Parti I:**

— Il-kaxxa ta' referenza I.6: Persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu; tista' timtela jekk iċ-ċertifikat ikun għal prodott importat.

| PAJJIŻ | Prodotti tal-bajd mhux maħsubin għall-konsum mill-bniedem li jistgħu jintużaw bħala għalf | |
|---|---|---|
| II. **Tagħrif dwar is-saħħa** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |

— Il-kaxxa ta' referenza I.12: Post ta' destinazzjoni: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu. Il-prodotti fi tranżitu jistgħu jinħażnu biss f'żoni ħielsa, f'imħażen ħielsa u f'imħażen doganali..

— Il-kaxxa ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (tal-vapur). Fil-każ tal-ħatt jew tagħbija mill-ġdid, il-kunsinnatur għandu jinforma lill-Post għall-Ispezzjoni fuq il-Fruntiera (BIP) tad-dħul fl-UE.

— Kaxxa I.19: uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.08, 23.09 jew 35.02.

— Il-kaxxa ta' referenza I.23: għal kontejners li jieħdu l-kwantità, in-numru tal-kontejner u tas-siġill (jekk japplika) għandhom ikunu inklużi.

— Il-kaxxa ta' referenza I.25: użu tekniku: kull użu ieħor minbarra konsum mill-annimali.

— Il-kaxxi ta' referenza I.26 u I.27: imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

**Parti II:**

([1a]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

([1b]) ĠU L 54, 26.2.2011. p. 1.

([2]) Ħassar kif xieraq.

([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

([4]) Daħħal il-metodu minn 1 sa 5 jew 7 skont kif japplika.

([5]) Fejn:

n = l-għadd ta' kampjuni għall-ittestjar;

m = il-valur limitu tal-għadd ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji fil-kampjuni kollha ma jaqbiżx m;

M = il-valur massimu tal-għadd ta' batterji; ir-riżultat huwa kkunsidrat mhux sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterji f'kampjun wieħed jew iktar ikun M jew iktar; kif ukoll

c = l-għadd ta' kampjuni li l-għadd ta' batterji tagħhom jista' jkun bejn m u M, u l-kampjun jibqa' jitqies aċċettabbli jekk l-għadd ta' batterji tal-kampjuni l-oħra jkun m jew anqas.

— Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar.

— Nota għall-persuna responsabbli għall-kunsinna fl-Unjoni Ewropea: dan iċ-ċertifikat huwa biss għal skopijiet veterinarji u għandu jakkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera.

Veterinarju uffiċjali/Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:"

(11) fl-Anness XVI, il-Kapitlu III, Taqsima 6 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Taqsima 6*

**Kontrolli uffiċjali għat-tagħlif ta' annimali selvaġġi u ċerti annimali taż-żu b'materjal tal-Kategorija 1**

L-awtorità kompetenti għandha tagħmel monitoraġġ tal-istat tas-saħħa tal-annimali mrobbijin fi rziezet fir-reġjun fejn l-għalf jitwettaq kif msemmi fit-Taqsimiet 2, 3 u 4 tal-Kapitolu II tal-Anness VI u għandha tagħmel sorveljanza xierqa għat-TSE li tinvolvi t-teħid regolari ta' kampjuni u eżami tal-laboratorju b'mod regolari għat-TSE.

Dawk il-kampjuni għandhom jinkludu kampjuni meħudin minn annimali suspettati u minn annimali tat-tgħammir li jkollhom aktar żmien".